**Dispożittiv**

1) *L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tippermetti lill-awtoritajiet lokali jagħtu l-provvista ta' servizzi ta' trasport mediku permezz ta' attribuzzjoni diretta, fl-assenza ta' kull forma ta' reklamar, lill-assoċjazzjonijiet ta' volontarjat, sakemm il-qafas legali u ta' ftehimiet li fih titwettaq l-attività ta' dawn l-organi jikkontribwixxi effettivament sabiex jintlaħqu l-iskop soċjali u l-għanijiet ta' solidarjetà u ta' effiċjenza baġitarja.*

2) *Meta Stat Membru jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi li jużaw direttament l-assoċjazzjonijiet ta' volontarjat għall-kisba ta' ċerti missjonijiet, awtorità pubblika li għandha l-intenzjoni tikkonkludi ftehimiet ma' tali assoċjazzjonijiet ma hijiex obbligata, skont id-dritt tal-Unjoni, tipparaguna minn qabel il-proposti tad-diversi assoċjazzjonijiet.*

3) *Meta Stat Membru, li jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi li jużaw direttament l-assoċjazzjonijiet ta' volontarjat għall-ksib ta' ċerti missjonijiet, jawtorizza dawn l-assoċjazzjonijiet sabiex jeżerċitaw ċertu attivitajiet kummerċjali, huwa dan l-Istat Membru li għandu jistabbilixxi limiti preċiżi li fihom jistgħu jitwettqu dawn l-attivitajiet. Dawn il-limiti għandhom madankollu jiżguraw li l-imsemmija attivitajiet kummerċjali huma marġinali fid-dawl tal-attivitajiet kollha ta' tali assoċjazzjonijiet u jsostnu s-segwitu tal-attività ta' volontarjat tagħhom.*

(1) ĠU C 93, 29.3.2014.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba'Awla) tat-28 ta' Jannar 2016 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf, Finanzgericht Hamburg – il-Ġermanja) – CM Eurologistik GmbH vs Hauptzollamt Duisburg (C-238/14), Grünwald Logistik Service GmbH (GLS) vs Hauptzollamt Hamburg-Stadt (C-284/14)

**(Kawżi magħquda C-283/14 u C-284/14)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (UE) Nru 158/2013 — Validità — Dazju antidumping stabbilit fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat li joriġina miċ-Ċina — Eżekuzzjoni ta' sentenza li kkonstatat l-invalidità ta' regolament preċedenti — Ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni inizjali li tirrigwarda d-determinazzjoni tal-valur normali — Stabbiliment mill-ġdid tad-dazju antidumping abbażi tal-istess data — Perijodu ta' investigazzjoni li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni)***

(2016/C 106/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Düsseldorf, Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* CM Eurologistik GmbH (C-238/14), Grünwald Logistik Service GmbH (GLS) (C-284/14)

*Konvenuti:* Hauptzollamt Duisburg (C-238/14), Hauptzollamt Hamburg-Stadt (C-284/14)

**Dispożittiv**

*L-eżami tad-domandi magħmula ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 158/2013, tat-18 ta' Frar 2013, li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (prinċipalment il-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.*

(1) ĠU C 315, 15.9.2014.